**7 ta' Marzu, 1984**

**Imħallef:-**

**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**

Beryl Lilian Greensmith *pro et noe*

*versus*

Alfred Schembri

**Reġistrazzjoni ta' Ismijiet Fittizji tat-Tfal**

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi *proprio et nomine*, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess illi mir-relazzjoni bejn il-kontendenti fl-Ingilterra fl-1 ta' Ottubru, 1967, twieldet it-tifla minuri Maria Assunta u fit-3 ta' Novembru, 1970 twieldet it-tifla minuri Melissa Jane; u premess illi l-kontendenti kellhom motiv għaliex il-konvenut jaħbi l-identità tiegħu mill-awtoritajiet u għalhekk l-attriċi fiċ-ċertifikat tat-twelid ikkwalifikat ruħha bl-isem fittizzju ta' Beryl Vella u ddikjarat lill-missier bl-isem ta' persuna fittizzja u ineżistenti, ċjoè Alfred Vella u Anthony Vella rispettivament (Dok. A u B); U premess illi l-attriċi *proprio et nomine* għandha interess li l-paternità reali ta' uliedha minuri tiġi rikonoxxuta;

Talbet li: (1) prevja d-dikjarazzjoni li l-ismijiet Beryl Vella u Alfredo Vella, fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid tal-minuri Maria Assunta (Dok. A) u Beryl Vella u Anthony Vella, fl-imsemmi ċertifikat tat-twelid tal-minuri Melissa Jane (Dok. B) huma fittizzji; (2) jiġi ddikjarat illi l-attriċi hija omm reali ta' l-imsemmija żewġ itfal minuri; u (3) li l-missier reali ta' l-imsemmija żewġ itfal minuri huwa l-konvenut; Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u n-nota tax-xhieda tagħha u d-dokumenti esebiti;

Rat li l-konvenut, debitament innotifikat biċ-ċitazzjoni, ma ppreżentax nota ta' eċċezzjonijiet u b'hekk baqa' kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi jirriżulta mix-xhieda mismugħa li l-attriċi Beryl Lilian Greensmith u l-konvenut Alfred Schembri ilhom jgħixu flimkien bħala mara u raġel għal ċirka għoxrin sena u li mir-relazzjoni ta' bejniethom twieldu tlett itfal, Maria Assunta u Melissa li għadhom minuri u Marcus li għalaq it-tmintax (18)-il sena;

Illi kemm l-attriċi kif ukoll il-konvenut fix-xhieda tagħhom tat-3 ta' Frar, 1984, ikkonfermaw li t-tfal huma tagħhom u li l-informazzjoni li taw fl-okkażjoni tar-reġistrazzjoni tat-twelid tagħhom huma *fittizzji* billi, *kif* qalu huma, beżgħu minħabba l-awtoritajiet Ingliżi u l-attriċi qalet li ħasbet li hu kien diġà miżżewweġ;

Illi din il-kawża qed issir fl-interess tal-minuri u tikkonċerna biss kredibilità tax-xhieda li f'dan il-każ huma l-kontendenti *biss* u *l-uniċi tnejn min-nies* involuti u li kienu jafu x'sar fl-okkażjoni tal-konċepiment tal-minuri;

Illi kieku, għall-grazzja ta' l-argument, il-Qorti ma taċċettax *lill-kontendenti* (ħaġa *li l-Qorti ma tħoss li* ma għandhiex temminhom u fil-fatt qed temminhom), il-konsegwenzi li kienu jbatu minnhom kienu jkunu gravi billi kien ikollhom ġenituri fittizzji; fil-fatt *lanqas passaport ma*

kienu jistgħu jakkwistaw;

Għalhekk il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex temmen lill-kontendenti u fl-aħjar interess tal-minuri sejra tilqa' t-talbiet;

Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċidi fil-kontumaċja tal-konvenut, billi tilqa' t-talbiet attriċi u (1) tiddikjara li l-ismijiet Beryl Vella u Alfredo Vella, fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Maria Assunta (Dok. A), u Beryl Vella u Anthony Vella fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri Melissa Jane (Dok. B) huma fittizzji; (2) li l-attriċi hija l-omm reali ta' l-imsemmija żewġ minuri; u (3) li l-missier reali ta' l-imsemmija żewġ minuri huwa l-konvenut Alfred Schembri. L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.